# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sbatax (17) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Tlieta 02 t' Awissu 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Il-kunsillier Francis Callus qal li persuna mar fuqu u qallu li għamel kaxxa safra f'triq il-Kenn, u qal ukoll li s-Sindku kien jaf. Is-Sindku insista li ma kien jaf xejn u li x-xogħol sar mingħajr permess. Is-sur Callus żied li l-persuna kellu jiġi għall-laqgħa, iżda ma ġiex.

4. Il-kunsillier Eddie Bonello reġa nsista li l-persuna għandu jiffaċċja l-Kunsill u jispjega ruħhu.

5. Il-kunsillier Francis Callus qal li hawn kaxxi sofor li mhumiex f'posthom. Il-Kunsill qabel li l-parking spaces iż-żgħar għandhom jitneħħew.. Il-kunsilliera qablu wkoll li għandna nagħmlu 'residents parking' f'triq il-Ħajt Ruman, fil-parti tat-triq li twassal sal-kantuniera ta' triq iż-Żurrieq. Se nagħmlu ħames postijiet riservati għal poplu ta' Ħal Safi wara talba ta' numru ta' residenti peress li hemm problema tal-parking f'triq iż-Żurrieq.

6. Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba lil Transport Malta biex ma tibqax 'one way' iżda li vetturi tqal ma jistgħux jagħdu jekk mhux għal servizz fit-triq.

7. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li għandna nbaxxu tabella mal-faċċatta ta' Ġnien Sir Alexander Ball. Ġie miftiehem li nagħmlu hekk.

8. Il-Kunsill jixtieq li s-Safi Heritage Trail tkun ippublikat s'Ottubru 2011. Il-Heritage Trail għandu jkun imniżżel fl-aġenda li jmiss.

9. Id-Deputat Segretarju Eżekkutiv informa l-kunsilliera dwar l-applikazzjonijiet tal-gabbani għal waqt il-festa.

**Korrispondenza**

10. Il-kunsilliera ddiskuttew Memo 63/2011 li hija skema fejn Kunsilli ta' rħula ta' poplu t'inqas minn 5000 ruħ għandhom opportunita biex japplikaw għal fondi għal proġetti fir-raħal li jaqaw taħt l-awtorita tal-Kunsill. Il-Kunsill jixtieq japplika biex nagħmlu t-tarmak mill-Housing Estate sal-Ġnien Sir Alexander Ball u biex nagħmlu bankini u aċċessibilità għan-nies b'diżabilita f'dawk in-naħħat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat applikazzjoni sa qabel is-26 t'Awissu 2011.

**Ħwejjeġ oħra**

11. Bl-approvazzjoni mingħand id-Dipartament, il-Kunsill se jtella lill-impjegata Doris Baldacchino minn Skala 15 sa Skala 13 mill-1 ta' Settembru 2011.

12. Il-kunsillier Eddie Bonello rrimarka fuq ix-xogħol li qed isir fuq il-bankini f'triq il-Menqa. Qal li m'għamlux ir-rampa ta' quddiem il-ground kif suppost. Is-Sindku qal li se jagħmluha sew u lixxa.

13. Il-kunsilliera qablu li nagħlqu l-faċċatta tal-playing field ta' ħdejn il-Kunsill għas-sigurta tat-tfal. Se jitolbu stima għax-xogħol.

14. Is-Sindku qal li s-sur Cedric Valletta u l-ħaddiema tiegħu bdew jiġbru l-ħaxix ta' madwar ir-raħal mill-ġimgħa l-oħra u mhumiex kuntenti bix-xogħol li qed isir.

15. Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn se jiltaqa maċ-Chairman ta' MEPA u mal-perit Bezzina biex jidiskutu l-proġetti proposti fix-shelters u f'Ġnien Sir Alexander Ball.

16. Il-kunsilliera qablu li għandna nkabbru l-advert u niktbu is-servizzi li noffru bħala Kunsill għall-fuljett tal-Każin San Pawl. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat dan l-informazzjoni lil BestPrint.

17. Il-kunsillier Eddie Bonello aċċetta li jmur hu biex jagħżel memento tal-Kunsill.

18. Il-Kunsill qabel li l-iskrivana l-ġdida se tibda taħdem magħna nhar it-Tnejn 8 t'Awissu.

19. Is-Sindku ppropona li nkomplu l-bankina f'triq San Ġwann [bejn triq il-Kuċċard u ċ-ċimiterju]. Il-kunsilliera kollha qablu.

20. Is-Sindku qal li hemm karrozza bla numri fejn triq il-Ħlantun li ilha abbandunata hemm u li fiha ħafna imbarazz. Sema li jekk ineħħu l-karrozza minn hemm, l-ispejjez jiġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Se jara ma l-ispettur x'jista ssir.

21. Is-Sindku qal li peress li qed isir ix-xogħol f'triq il-Menqa, karozzi ma jistgħux jipparkjaw man-naħħa tal-ground. Hemm minn iparkja l-karrozza quddiem garaxx in-naħħa l-oħra tat-triq u b'hekk taw diffikultà lil residenti li jgħixu hemm. Għalhekk ippropona li fuq in-naħħa tad-djar nagħmlu parking spaces u l-Kunsill qabel. Quddiem il-garaxxijiet se nagħmlu 'double yellow lines'.

22. Il-kunsilliera jħossu li l-pulizija għandhom iduru iżjed mar-raħal, speċjalment fejn hemm gruppi taż-żgħażagħ u fejn il-Playing Fields.

23. Is-Sindku qal li hemm madwar sittin siġar taż-żebbuġ f'Ta' t'Amparell li għandhom bżonn 'support' sabiex jsebbaħ l-ambjent. Il-kunsilliera qablu li nixtru li hemm bżonn u nagħmlu dan is-support. Il-kunsillier Eddie Bonello qal li f'dawk in-naħħat kelna nagħmlu bankijiet u passaġġ. Il-Kunsill se jipprova jagħmel dan il-proġett bil fondi potenżjali ta' Memo 63 [punt 11].

24. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 16.

25. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

26. Il-laqgħa li jmiss se tkun fil-10 t'Awissu 2011.

Approvati llum 10/08/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv